**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Diċembru, 2020.**

Rikors Numru: 317/20 AL

A B

vs

C D

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-esponenti A B żżewġet lil C D nhar l-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) ġewwa l-Gżira, ċerifikat taż-żwieġ esebit, anness u mmarkat Dok 'A';

2. Illi miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldu żewġt itfal E D li twieled nahr it-30 ta' Novembru tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (1994) u li huwa maġġorenni u F D li twieldet nhar it-tnejn u għoxrin t' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u għadha minorenni;

3. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali ppublikat in atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri nhar it-tmintax t' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008), kuntratt esebit, anness u mmarkat Dok 'B';

4. Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni korrettorju datat tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tnax (2012) in atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri, anness u mmarkat Dok. 'C', il-partijiet kienu emmendaw partijiet mill-kuntratt ta' separazzjoni referibilment kważola numru 6(ii) u klawżola 7 (v) ċioe' li l-kura u l-kustodja u r-residenza tal-minuri Kim tkun fdata lill-Komparenti Omm u l-modalita' ta' aċċess għaf-favur il-missier tal-minuri F D u żdiedu klawsoli numru erbgħa (4) u klawsola Numru ħamsa (5) li jirregola l-manteniment għaf-favur il-minuri Kim Dingli da parti tal-Missier u klawsola numru sitta (6) u sebgħa (7) li rregolaw il-ħlas tal-ispejjeż edukattivi, saħħa u mediċina tal-minuri F D;

5. Illi fir-rigward tal-kumplament ma nbidel xejn iktar;

6. Illi b'referenza għal paragrau nnumerat erbgħa )4) tal-kuntratt korrettorju ta' separazzjoni, l-esponenti tiddikjara li ma jeżistu ebda pendenzi rigward il-manteniment (vide. Dok. 'C');

7. Illi inoltre ebda manteniment ma huwa dovut bejn il-konjugi kif jixhed paragrafu numru erbgħa (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide. Dok. 'B');

8. Illi ma hemm ebda prospett raġjonevoli għal-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull waħda mill-partijiet tgħix ħajja totalment separata minn xulxin, apparti li mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni għaddew aktar minn tnax (12)-il sena;

9. Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-Liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ottubru, 2020;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma prezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Ligi sabiex zwieg jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' Awwissu, 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.